A.L. 131 ta' l-2003

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP 12)

Regoli tal-Qorti biex Jinżamm il-Bon Ordni fil-Qrati tal-Ġustizzja, 2003

IL-PRESIDENT ta' Malta approva r-Regoli tal-Qrati li ġejjin magħmulin mill-Bord tar-Regoli skond l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura u ċivili.

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regoli hu Regoli tal-Qorti ta' l-2003 biex Jinżamm il-bon-ordni fil-Qrati tal-Ġustizzja.

Żamma tal-bon-ordni.

2. Ħadd ma jista', taħt il-pieni msemmija fl-artikolu 990 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili –

(a) ħlief f'dawk il-postijiet li r-Reġistratur tal-Qrati jista' jindika għal dak l-iskop, jesponi għall-bejgħ jew ibiegħ kull xorta ta' ikel jew ħwejjeġ oħra fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, jew, ħlief f'dawk il-postijiet kif hekk indikati, jiekol jew jixrob, waħdu jew ma' ħaddieħor, f'dak il-bini; jew

(b) ipejjep fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja f'dawk il-postijiet li għalihom il-pubbliku għandu aċċess, ħlief f'dawk il-postijiet li r-Reġistratur tal-Qrati jista' jindika għal dak l-iskop; jew

(ċ) jitkellem jgħajjat fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja b'mod li jiddisturba s-seduti tal-Qrati; jew

(d) iħalli l-mekkaniżmu li jċempel ta' *mobile* jew telefon ċellulari mixgħul f'awla waqt seduta ta' qorti.

Tħassir tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 256 ta' l-1913.

3. In-Notifikazzjoni tal-Gvern 256 ta' l-1913 dwar Regoli tal-Qorti biex jinżamm il-Bon-Ordni fil-Qrati tal-Maġistrati hija b'dan imħassra.